MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 201/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Edward Restall**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Edward Restall talli fit-13 ta’ Novembru, 2000 ghall-habta tas-6.15 a.m. fi Vjal 21 ta’ Settembru, Naxxar, saq vettura nur. EYE-005 (**1**) b’manjiera perikoluza, (**2**) traskurata, (**3**) bla kont, (**4**) saq l-istess vettura b’giri aktar milli jmissu, u (**5**) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tajjar lil Lorenza Maria Ransley u involontarjament ikkagunalha offizi ta’ natura gravi kif iccertifikat Dott. Miriam Sammut MD tal-Isptar San Luqa; il-prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Edward Restall mhux hati skond ir-raba' imputazzjoni – u dan minhabba preskrizzjoni – u konsegwentement illiberatu minn din l-imputazzjoni, izda sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u cioe` skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjoni, u kkundannatu multa ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' tlett xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Edward Restall, minnu ppresentat fil-31 ta' Ottubru, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka u thassir ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2004; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2004 l-abbili prosekutur eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell minhabba li, minkejja li l-appellant kien gie lliberat minn wahda mill-imputazzjonijiet, it-talba fir-rikors ta' appell hija ghar-revoka jew tahsir tas-sentenza u mhux ghar-riforma jew tibdil taghha. Din is-sentenza hi, ghalhekk limitata ghal din il-pregudizzjali.

Din il-Qorti ma tistax hlief taqbel ma' l-Avukat Generali. Skond gurisprudenza pacifka kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti Kriminali (meta din kienet tisma' appelli mill-Qrati Inferjuri), meta imputat jigi liberat minn imputazzjoni wahda jew aktar, it-talba fir-rikors ta' appell ghandha tkun ghar-<u>riforma</u> tas-sentenza appellata, u mhux ghar-revoka taghha. Meta talba ghandha tkun ghar-riforma mentri tigi mitluba r-revoka, ir-rkors ta' appell ikun null fuq il-bazi ta' karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kap. 9 (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Joe Borg*** App. Krim. 21/7/95; ***Il-Pulizija v. Malcolm Demanuele*** App. Krim. 19/4/96).

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali, tiddikjara l-appell irritu u null, u

tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Il-periodu ta' l-iskwalifika jibda minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------